MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 665/1996/1

**Peter Paul Abela, Anglu Azzopardi, Joseph Farrugia, Alex Galea bhala ufficjali tas-Socjeta` Filarmonika "Ghaqda Muzikali Santa Marija Dingli"**

**vs**

**Francis Aquilina u Roderick Montebello, u b'digriet tat-12 ta' Frar, 2003 gew kjamati fil-kawza Kristinu Zerafa bhala President, Paul Azzopardi bhala Vici-President, Noel Sammut bhala Segretarju, Joe Grixti bhala Assistent Segretarju, Joe Zahra bhala Kaxxier, Mary Rose Farrugia bhala Assistent Kaxxier, Ganni Farrugia bhala Direttur Kazin, Jonathan Abela bhala**

**Delegat Banda, Kristinu Farrugia u Nazzareno Azzopardi bhala Delegati Infrastruttura, ilkoll tas-Socjeta` Ghaqda Muzikali Santa Marija Dingli; u b'digriet tal-20 ta' Ottubru, 2003 gie revokat *contrario imperio* id-digriet tat-12 ta' Frar, 2003 ghalhekk gew estromessi dawn il-persuni indikati bid-digriet tat-12 ta' Frar, 2003.**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell f'kawza ta' spoll. Fic-citazzjoni taghhom l-atturi kienu ppremettew li f'cirkostanzi xejn regolari il-konvenuti Aquilina u Montebello kienu gew eletti President u Segretarju rispettivament tal-Ghaqda Muzikali Santa Marija Dingli; illi ad insaputa taghhom, cioe` tal-atturi, vjolentement u kontra r-rieda taghhom inbidlu xi serraturi, fosthom dik tal-bieb ewlieni tal-Kazin tal-imsemmija Socjeta`, agir li, skond l-atturi, kien jikkostitwixxi "spoll ricenti u vjolenti bil-mohbi"; ghalhekk l-atturi talbu lill-Prim Awla sabiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti b'dan l-agir taghhom ikkostitwew spoll ricenti u vjolenti jew bil-mohbi ai termini tal-Artikolu 535 tal-Kodici Civili;
2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirrendulhom accessibbli l-ambjenti tal-imsemmi Kazin u jirreintegrawhom fil-pussess ta' l-istess u tal-proprjeta` kollha tieghu fi zmien qasir u perentorju li l-Qorti tiffissa; u
3. fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jirriprendu l-pussess ta' l-imsemmi Kazin u proprjeta` kollha tieghu jekk hemm bzonn anke bl-ghajnuna ta' l-awtoritajiet koncernati.

B'sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru, 1998, l-ewwel Qorti, ghar-ragunijiet imsemmija f'dik is-sentenza, laqghet l-ewwel domanda kif dedotta fic-citazzjoni; laqghet ukoll it-tieni domanda u, ghall-fini tat-terminu, ipprefiggiet il-perjodu ta' tletin (30) gurnata ghall-esekuzzjoni mitluba; u laqghet ukoll it-tielet domanda; u dan kollu bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Il-konvenuti Francis Aquilina u Roderick Montebello appellaw minn din is-sentenza.

Fl-udjenza tal-20 ta’ Ottubru, 2003 gie registrat, inter alia, is-segwenti verbal:

**Dott. Carmelo Grima ghall-appellati jaqbel mas-sottomissjoni ta’ Dott. Toni Abela[1] li, bhala fatt, Francis Aquilina u Roderick Montebello illum ma ghandhom ebda kariga fil-Kumitat tas-Socjeta` Filarmonika Ghaqda [Muzikali] Santa Marija Dingli.**

**Dott. Carmelo Grima ghall-appellati jiddikjara wkoll li llum l-istess appellati u cioe` Peter Paul Abela, Anglu Azzopardi, Joseph Farrugia u Alex Cachia** [recte: Galea] **ma jokkupaw ebda kariga fis-Socjeta` Filarmonika Ghaqda [Muzikali] Santa Marija Dingli, ghalkemm huma jikkontendu li l-kumitat attwali ta’ din is-Socjeta` qieghed fil-kariga illegalment u li fil-fatt huma huma l-membri tal-Kumitat.**

**Il-Qorti rat ukoll il-verbal tal-15 ta’ Mejju, 2000 a fol. 174 tal-process u ghal kull buon fini qed tirrevokah fis-sens li ma tarax l-utilita` li l-atturi appellati f’dan l-istadju jghaddu biex jippromwovu l-kawza suggerita f’dak il-verbal.**

**Dott. Toni Abela u Dott. Carmelo Grima ghall-partijiet jaqblu li llum il-meritu tal-kawza hu ezawrit u Dott. Carmelo Grima ghall-appellati jiddikjara wkoll ghal kull buon fini li l-istess appellati mhux ser jittantaw jezegwixxu xi parti tas-sentenza appellata fil-konfront ta’ l-appellanti.**

**Id-difensuri tal-partijiet jaqblu wkoll li l-ispejjez kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Id-difensuri tal-partijiet ghalhekk jitolbu li tinghata sentenza konformement ma dan il-verbal ta’ transazzjoni.**

[1] Id-difensur tal-appellanti Aquilina u Montebello.

In vista ta’ dan il-verbal, din il-Qorti qed tipprovdi dwar l-appell interpost billi, filwaqt li tipprojbixxi lill-appellati milli jittantaw jezegwixxu xi parti tas-sentenza appellata fil-konfront tal-appellanti, thassar u tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez jithallsu mill-konvenuti, u minflok tordna li l-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet; u, fil-meritu, tiddikjara procediment ezawrit b’mod li ma tiehux konjizzjoni aktar ta’ l-istess meritu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------